MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 442/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Teresa Mifsud**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet dedotti mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Teresa Mifsud, detentriċi tal-karta tal-Identita` bin-numru 348160M, talli nhar-it 23 ta' Jannar

2014 għall-ħabta tal-5.30 p.m. ġewwa l-bini tal-Qorti, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta:

(1) bil-ħsieb li ttellef jew tnaqqas il-ġieħ ta' Nizar I Mustafa Al-Gadi, weġġajtu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor;

(2) għidt fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti, jew għamilt atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offendejt il-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` tal-imsemmi Nizar I Mustafa Al-Gadi u tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Novembru 2014 fejn dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmija Teresa Mifsud ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u minnhom illiberatha;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-kwerelant Nisar (Nizar) Mustafa Al-Gadi ppreżentat fis-6 ta' Novembru 2014 fejn talab li din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata kif ukoll kull ħaġa li saret waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 2014 u tordna li l-proċeduri msemmija jinstemgħu mill-ġdid u jiġu deċiżi skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellata esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat il-verbal tallum stess fejn l-Avukat Dottor Kathleen Grima għall-appellata eċċepiet in-nullita` tar-rikors ta' appell; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Il-Kodiċi Kriminali jitkellem ċar dwar min jista' jappella minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali: jistgħu jappellaw il-persuna misjuba ħatja f'kull każ (art. 413(1)(a)), fil-każijiet espressament imsemmija fl-artikolu 413(1)(b), "l-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant", u, fil-każijiet l-oħra kollha, (art. 413(1)(c)), l-Avukat Ġenerali.

**6.** Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Frar 2000 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Vella**, ġie ritenut hekk:

> **"Jiġifieri l-kwerelant jista' jappella biss meta (a) ir-reat ikun ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jiġifieri jkun jinkwadra f'dak li jipprovdi l-Artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien ma' l-Artikolu 371; (b) l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa ħlief bil-kwerela tal-offiż; u (c) il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiż kif provvdut fl-Artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali b'mod li s-sentenza tingħata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiż) u tal-kwerelat (l-imputat) (u għalhekk mill-*occhio* tas-sentenza ikun jidher li l-partijiet fil-kawża huma l-kwerelant u l-imputat, u mhux il-Pulizija u l-imputat)(ara f'dan is-sens *Il-Pulizija v. Philippa Farrugia*, 6/12/1995 u s-sentenzi l-oħra imsemmija f'din is-sentenza; *Il-Pulizija v. Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras*, 20/1/1997; u *Il-Pulizija v. Raymond Sultana*, 11/7/1997)."**

**7.** Fil-każ odjern, il-prosekuzzjoni nbdiet b'taħrika ta' kawża tal-Pulizija u mhux b'taħrika ta' kawża privata, u l-azzjoni tmexxiet mill-Pulizija Eżekuttiva – kif del resto jixhed l-*occhio* tal-kawża: **Il-Pulizija v. Teresa Mifsud**. Barra minn hekk it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellata hi ta' ordni pubbliku. Għalhekk, mis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Novembru 2014 seta' jappella biss l-Avukat

Ġenerali. Il-kwerelant seta' biss se mai jagħmel it-talba skond l-artikolu 414(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali biex dan – l-Avukat Ġenerali – jikkunsidra kellux jappella.[1] Ma jirriżultax li saret tali talba. Anzi l-kwerelant qabad u ntavola rikors ta' appell. Huwa veru li jirreferi għalih bħala appell "insolitu", iżda dan ma jrendiehx appell magħmul skond il-liġi jew skond il-prinċipji tal-liġi. Dak li minnu qiegħed jilmenta l-appellant fir-rikors tiegħu seta' nġab a konjizzjoni ta' l-Avukat Ġenerali bil-proċedura permissibbli bil-liġi. Bl-istess mod illi l-kwerelant jgħid illi l-ewwel Qorti kellha tosserva l-proċedura, hu kellu jsegwi l-proċedura sabiex iġib 'il quddiem l-ilment tiegħu.

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

[1] Ara diversi Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Bugeja** tal-25 ta' Jannar 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------